MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2010

Numru 525/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR IAN JOSEPH ABDILLA**
**VS**
**DAVID BUHAGIAR**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat David Buhagiar, ta’ 30 sena, bin Joseph u Vincenza nee’ Baldacchino, imwieled Pieta’ fid-29 ta’ Settembru, 1978, residenti f’Numru 11, Triq Zammit Clapp, Pieta’ u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 481078(M)

Illi huwa akkuzat:

1. Talli nhar il-Hadd 24 ta’ Mejju 2009, gewwa r-Rabat (Malta) u f’postijiet ohra gewwa dawn il-Gzejjer,
a. iffalsfika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-

mohh, jew tal-prodott ta’ industrija, jew, xjentement, ghamel uzu ta’ dawn l-ismijiet, marki jew sinjali ffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid; jew

b. ghamel uzu, xjentement, ta’ marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija, b’din il-marka, sinjal jew emblema; jew

c. xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew jimporta ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b’qerq;

u cioe diversi DVDs b’films u loghob tal-Playstation.
(Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 298(1)(a),(c), u (f) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

2. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghal qliegh, jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi skur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta’ Malta jew tahtha;
(Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 298B tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

B’hekk, int David Buhagiar sar recidiv a termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat (a fol.10);

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat David Buhagiar, hati skond l-akkuzi u wara li rat Artikolu 298(1)(a)(c), u (f), 298B, 49, 50 u 14(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li l-imputat ihallas multa ta' elfejn tlett mija disgha u ghoxrin euro punt sebgha u tletin centezmu ta' Euro (2329.37 Euro) ekwivalenti ghal elf lira Maltin (Lm1000) u li ghandhom jithallsu b'rati mensili fi zmien sena.

Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni, fl-ghoti tal-piena, l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, il-fedina penali tieghu u l-kwantita' ta' DVDs u Playstations *non-compliant* illi gew migjuba fil-pussess ta' l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------